A.L. 176 ta' l-1995

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

(ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1995 dwar Kunsilli Lokali

(Tismija ta' Toroq)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 u bl-artikolu 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq).

Tismija ta' toroq ġewwa lokalità.

2. L-għoti jew l-għoti mill-ġdid ta' ismijiet lit-toroq, li ma jkunux toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura kif speċifikat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, għandu jseħħ wara li l-Kunsill Lokali ta' dik il-lokalità jissottometti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru responsabbli għall-Pulizija li għandu jirreferi, qabel ma jordna t-tibdil ta' l-isem ta' xi triq jew jagħti jew japprova isem li bih għandha tissejjaħ triq ġdida skond l-artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, dik ir-rakkomandazzjoni lill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq proprju, għall-parir tiegħu.

Kap. 10.

Tismija ta' toroq arterji u distributorji.

3. L-għoti jew l-għoti mill-ġdid ta' ismijiet lit-toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, *parks* jew ġonna nazzjonali, *estates* industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, u kif speċifikati fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 33 ta' l-istess Att, għandhom jiġu ordnati mill-Ministru responsabbli għall-Pulizija skond l-artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, li għandu jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq proprju, wara li dak il-Kumitat jikkonsulta l-Kunsilli Lokali kollha ta' dawk il-lokalitajiet li jkunu jmissu ma' l-area li tkun se tingħata l-isem.

Kriterji li għandhom jintużaw.

4. (1) Sew Kunsill Lokali sew Kumitat għat-Tismija ta' Toroq, skond il-każ, ma għandhomx jissottomettu rakkomandazzjoni għat-tibdil ta' l-isem ta' xi triq ġewwa lokalità jew ta' xi triq jew area speċifikati fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni valida għal bidla bħal dik.

(2) It-tismija jew tismija mill-ġdid ta' toroq ġewwa lokalità, toroq oħra u kull area speċifikata għal persuni ma għandhiex isseħħ qabel ma jkunu għaddew ħames snin mill-mewt tagħhom.